MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 17/2008

A

Vs

B

**Sentenza parzjali dwar eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza ratione materiae ghaliex il-kawza giet assenjata quddiem is-Sezzjoni tal-Familja minflok is-Sezzjoni Gurisdizzjoni Generali.**

1. Permezz ta' din il-kawza li giet prezentata fid-29 ta' Lulju 2008 l-attrici, bint il-konvenut, qeghda titlob dikjarazzjoni li l-konvenut naqas mill-obbligi tieghu ta' genitur li jiehu hsieb, imantni, jghallem u jeduka lill-bintu l-attrici skond il-hila, ix-xehtiet naturali u aspirazzjonijiet

taghha matul is-snin li kienet minorenni kif ukoll li abbuza minnha billi ssoggettaha ghall-tortura fizika u mentali u trattament kiefer, inuman u degradanti li waslu biex l-attrici qeghda tbati minn debilita' permanenti. L-attrici qeghda titlob ukoll il-likwidazzjoni u hlas ta' danni minhabba l-agir ta' missierha.

2. Din is-sentenza ser tittratta t-tieni eccezzjoni tal-konvenut (fol. 22) li taqra:-*"In linea preliminari wkoll l-inkompetenza ta' din il-Qorti ratione materiae billi kompetenti li tisma' u tiddeciedi din il-kawza hija l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri ta' Sezzjoni Generali. Din mhijiex kawza ghall-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni minn dawk kontemplati fl-Ewwel Ktieb Titolu 1 tal-Kodici Civili, izda kawza ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni minhabba hsara sofferta talli allegatament il-missier naqas mill-obbligi paterni tieghu, u l-esponenti qed jifhem li din l-azzjoni tinkwadra ruhha taht l-artikolu 2153 tal-Kap. 16."*[1].

3. Mir-rikors guramentat hu evidenti li l-attrici qeghda tibbaza t-talbiet ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni, fuq il-premessa li:-

(a) L-agir tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici jikkostitwixxi **ksur ta' dmir impost mil-ligi fuq missier**[2]. L-Artikolu 7 tal-Kodici Civili jipprovdi:

> 7. (1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.

u l-Atikolu 3B jipprovdi:

---

[1] Fol. 22.

[2] L-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jipprovdi: *"Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk."*.

3B. Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied.

(b) Il-konvenut wettaq fuq l-attrici tortura fizika u mentali u trattament kiefer, inuman u degradanti b'mod li kkagunalha hsara bjologika u psikologika li hi ta' natura permanenti.

4. Id-danni li qeghda tippretendi l-attrici huma bazati fuq il-provvedimenti *"Fuq id-Delitti u Kwazi Delitti"*. Interessanti hi d-distinzjoni bejn danni kuntrattwali u danni akwiljani: *"Si ha illecito contrattuale quando la lesione si riferisce comunque a un precedente specifico rapporto obbligatorio, qualunque sia a sua volta – contratto o delitto o altro – la fonte dell'obbligo violato. Se io sono ferito da Caio, questi risponde verso di me per illecito extracontrattuale, e mi deve risarcire il danno, che sara' liquidato con una sentenza. Se, in seguito, Caio sara' negligente nel pagamento della somma liquidata, rispondera' per illecito extracontrattuale, perche' egli in questo secondo tempo era legato verso di me da uno specifico obbligo di adempimento (obbligazione risarcitoria), anche se non c'e' stato alcun contratto fra di noi."* (*Istituzioni di Diritto Civile*, Alberto Trabucchi, Cedam, 2007 pagna 949).

5. Skond **l-Ordni dwar Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Civili**[3], il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri hi maqsuma f'zewg sezzjonijiet:-

(a) Is-Sezzjoni Familja; u
(b) Is-Sezzjoni Gurisdizzjoni Generali[4].

B'applikazzjoni ta' Regolament 4, is-Sezzjoni Familja ghandha tigi assenjata dawk il-kawzi li jaqghu fil-

[3] S.L. 12.20.
[4] Regolament 9.

kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri u li ghandhom x'jaqsmu ma':-

(*a*) it-Titoli I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili;

(*b*) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment;

(*ċ*) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment;

(*d*) l-Att dwar iż-Żwieġ; u

(*e*) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri.

6. Skond l-istess regolamenti hu r-Registratur li ghandu jassenja l-kawza lis-sezzjoni *"...skond il-kategorija li kawza tkun taqa' tahtha."* (Regolament 7). Pero' effettivament dak li qieghed jigri fir-realta' hu li l-avukat li jirredigi r-rikors guramentat jindika quddiem liema sezzjoni ghandha tinstema' l-kawza, u r-Registratur jassenja l-kawzi skond dak li jkun gie dikjarat fir-rikors guramentat. Il-kategorija li kawza tkun taqa' tahtha m'hijiex necessarjament dik li tigi ndikata mill-avukat li jirredigi l-att gudizzjarju, u r-regolamenti ma jghidux li r-Registratur hu marbut b'dak li jkun gie dikjarat fir-rikors li bih ikun inbeda l-proceddiment. Tant hu hekk li l-istess regolamenti jipprovdu li fejn hemm nuqqas ta' qbil f'liema sezzjoni ghandha tigi assenjata kawza, il-kwistjoni ghandha tigi riferuta lill-Prim'Imhallef li ghandu jiddecidi lil liema sezzjoni ghandha tigi assenjata l-kawza. Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri hi wahda, li mbaghad hi maqsuma f'zewg sezzjonijiet skond in-natura tal-kawza. M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li din il-kawza taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri. Id-dubju hu quddiem liema sezzjoni ta' din il-qorti ghandha tinstema' l-kawza. Fil-fehma tal-qorti din m'hijiex materja ta' kompetenza *ratione materiae*, ghaliex il-kawza giet prezentata quddiem il-qorti kompetenti (Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri). Ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenut m'hijiex gustifikata. Il-fatt li kawza tigi assenjata lil sezzjoni u mhux ohra, m'ghandha qatt taghti lok sabiex il-qorti li lilha tigi assenjata l-kawza taghti

decizjoni li m'hijiex kompetenti *ratione materiae* u bil-konsegwenza li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Dan iktar u iktar meta tqies li skond ir-regolamenti hu d-dmir tar-Registratur li jassenja l-kawzi lis-sezzjonijiet differenti ta' qorti, u r-regolamenti jipprovdu x'ghandu jsir f'kaz ta' nuqqas ta' qbil lil liema sezzjoni ghandha tigi assenjata l-kawza.

7. F'kull kaz, fil-fehma tal-qorti din il-kawza ma kenitx taqa' fil-kategoriji ta' kawzi li ghandhom jinstemghu mis-Sezzjoni Familja u kellha tigi assenjata mir-Registratur lis-Sezzjoni Gurisdizzjoni Generali. Kif rajna l-finalita' tal-kawza hi l-likwidazzjoni u rizarciment tad-danni, materja li taqa' taht it-Tieni Ktieb, Taqsima II tal-Kodici Civili. Ghalhekk ma taqax f'dik il-kategoriji ta' kawzi li ghandhom jinstemghu mis-Sezzjoni Familja.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni b'dan li qeghda tordna li l-kawza tkompla tinstema' mis-Sezzjoni Generali ta' din il-qorti.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------